MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 106/2009

**A B f'ismu proprju u f'isem il-minuri C D E F B K u G H I J B K**

**-vs-**

**L K**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B f'ismu proprju u f'isem il-minuri C D E F B K u G H I J B K fejn dan, ghar-ragunijiet hemm premessi talab lil din il-Qorti li:

Fl-ewwel lok, tiddikjara d-dritt vestit fl-attur illi hu, bhala l-missier naturali u biologku, ghandu d-dritt ta' "*parental authority*" fuq uliedu, ossija sija versu t-tifel C D E F B K, imwieled il-Pieta', Malta fit-13 ta' Mejju, 2005 u sija versu t-tifla G H I J B K, imwielda l-Pieta', Malta fid-9 ta' Novembru, 2007;

Fit-tieni lok, takkorda l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tfal lill-attur, fl-ahjar interess tal-istess minuri bil-fakolta' versu l-omm, hawn imharrka, li tuzufruwixxi minn dritt ta' access versu l-istess imsemmija ulied, il-modalita' ta' liema jigi stabbilit u ffissat minn din il-Qorti;

Fit-tielet lok, izda b'mod subordinat u b'mod alternattiv u bla pregudizzju ghall-precedenti talba, fil-kaz li l-istess ma tigix akkolta, takkorda lill-attur u l-konvenuta kura u kustodja kongunta ta' l-imsemmija tfal b'dana li t-tfal jirrisjedu Malta taht dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti u ffissati minn din il-Qorti.

Fir-raba' lok – izda b'mod subordinat u b'mod alternattiv u bla pregudizzju ghall-precedenti tieni u tielet talba, f'kaz li xi wahda minn l-istess ma tigix akkolta, takkorda lill-attur li juzufruwixxi mid-dritt, anzi dover ta' access versu u proprju, illi jigi ezercitat minn versu l-istess imsemmija ulied hawn Malta, b'dana illi jghixu Malta taht dawk il-modalita' li jigu stabbilit u ffissat minn din il-Qorti;

Fil-hames lok jinghata manteniment xieraq ghall-minuri mill-konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' L K fejn din eccepiet l-ewwel in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti u fejn eccepiet ukoll illi A B m'ghandux dritt jagixxi ghan-nom ta' uliedu minuri minghajr il-hatra tieghu mill-Qorti bhala kuratur ad litem.

Ikkunsidrat illi fil-mijiet ta' pagni fl-atti u fid-diversi volumi ta' dokumenti f'din il-kawza ma jirrizulta mkien li l-attur talab u nghata l-awtorizzazzjoni mehtiega biex jagixxi ghan-nom ta' uliedu minuri.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens illi tordna li l-minuri C B K u G B K ghandhom jinhargu mill-kawza. Il-Qorti tordna ukoll li l-atti kollha tal-kawza jirriflettu dan.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------